# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 115/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Peter Borg**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Peter Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 456838(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Frar 2014 għall-ħabta tad-09.15hrs f'Binġemma, limiti tal-Mġarr waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBA 908:

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq

il-persuna ta' Lewis Gauci skont kif iċċertifika Dr. Thomas Armatys M.D. ta' Mater Dei.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Lulju 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 30 u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa komplessiva ta' elf Euro (€1000). Il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan tal-imputat għal żmien xahar li kellhom jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta tal-għada filgħodu tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha **TIRREVOKA** s-sentenza mogħtija nhar is-sittax (16) ta' Lulju elfejn u għoxrin (2020) mill-Qorti tal-Maġistrati Dott. Simone Grech, billi **tħassarha u tikkanċellaha** fejn sabet lill-esponent ħati ta' l-akkuża miġjuba kontrih u kkundannatu għal multa komplessiva ta' elf Euro (€1000) kif ukoll ordnat is-sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan u minflok minnha tilliberah u, fin-nuqqas, l-esponenti umilment jitlob li tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ukoll tal-eta' ta' l-esponenti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Lulju 2020.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti: L-appellant kien għaddej bil-vettura tiegħu minn triq prinċipali fil-kampanja li minn Binġemma teħdok għall-Mġarr f'Malta. F'salt minnhom il-parti leża Lewis Gauci li kien qed isuq rota ħareġ sparat minn triq sekondarja fuq Stop Sign u mingħajr ma ħares fil-mera li hemm faċċata biex jara humiex ġejjin vetturi u b'konsegwenza ta' dan ittajjar mill-appellant.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi u apprezzament żbaljat tal-provi. Jisħaq li hemm fatti li m'hemmx kontestazzjoni dwarhom fosthom li hu kien għaddej minn triq wiesgħa 6.20 metri u li t-triq kienet waħda prinċipali. Jaqbel li l-parti leża Lewis Gauci kien għaddej bir-rota minn Triq il-Ħaddedin, li hija triq sekondarja wiesgħa erba' (4) metri. Jaqbel li l- parti leża ħareġ minn fuq Stop Sign fejn hemm mera faċċata biex wieħed ikollu viżwal qabel jaqsam it-triq prinċipali. Jaqbel ukoll li kien hemm *camera* tas-sigurta' li rreġistrat id-dinamika tal-inċident.

Illi l-appellant jagħmel riferenza għas-sentenzi li għamlet riferenza għalihom l-Ewwel Qorti fejn hemm is-segwenti: Li s-*side road user* għandu dritt jaqsam meta jaċċerta ruħu li t-triq prinċipali hija libera waqt li għandu l-obbligu li jċedi għat-traffiku fuq it-triq

prinċipali. Li min ikun ħiereġ minn triq laterali għal triq prinċipali jrid jesplora t-triq prinċipali qabel joħroġ fiha. Li huwa jrid juża l-massima attenzjoni u grad ta' diliġenza l-iżjed għoli. Li huwa għandu obbligu akbar minn ta' xufier li qiegħed fuq it-triq dritta għaliex ser jaqsam l-i*stream of traffic* u li xufier fit-triq id-dritta ma ser ifixkel lil ħadd.

Illi l-appellant jargumenta li huwa ma għamel ebda manuvra traskurata jew imprevista bħal, per eżempju, soprapass. Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta kkonkludiet li l-kawża tal-inċident kien is-sewqan tiegħu li kien qed isuq fil-karreġġjata ħażina tat-triq u mhux f'nofs it-triq kif xehed. Jargumenta li jekk xejn mill-filmat jidher b'mod ċar li l-parti leża lanqas biss waqaf meta ġie f'salib it-toroq u fil-lok fejn hemm Stop Sign. Jisħaq li mill-iskizz huwa evidenti li l-impatt seħħ mhux fil-ġenb tat-triq kif donnu kkonkludiet l-Ewwel Qorti u jgħid li l-Ewwel Qorti jidher li ma tatx każ tal-iskizz għaliex dan ma jissemmiex fis-sentenza. Jgħid li minn dan l-iskizz jirriżulta li hu kien qed isuq kważi f'nofs it-triq u mhux fil-karreġġjata l-ħażina. Jisħaq li l-parti leża naqas li jieqaf fl-iStop Sign. Jgħid li għalhekk ma jirriżultax lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li hu (l-appellant) saq b'negliġenza, imperizja jew imprudenza. Isostni li l-impatt ma seħħx fil-ġenb tat-triq għaliex il-punt tal-impatt juri li l-parti leża kien ħareġ kważi tul ta' żewġ metri fit-triq prinċipali. Jgħid li hu (l-appellant) ħareġ għal nofs it-triq biex jevita ostakolu u qatt ma seta' jistenna li jsib sewwieq ta' rota li joħroġ sparat minn triq sekondarja.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Mill-iskizz jirriżultaw brejk marks ta tnax (12)-il metru waqt li rota tidher 3.40 metri 'il bogħod mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBA 908. Mill-istess skizz jirriżulta li t-triq hija wiesgħa 6.20 metri. Jirriżulta li l-ħsara kienet tinsab fil-*bonnet*, *front right wing*, *left headlight* u *right headlight*.

- Mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta li l-appellant kien qal li kien nieżel lejn l-Mġarr u li l-parti leża ħariġlu f'salt mill-kantuniera u aċċidentalment tajru. Da parte tiegħu, il-parti leża Lewis Gauci qal li kien għaddej minn triq dejqa għal ġo Triq Binġemma, li waqaf fit-tarf tat-triq dejqa biex jara jekk kinux ġejjin vetturi minn fuq iż-żewġ naħat u li l-vettura in kwistjoni ħarġet minn fuq ix-xellug karreġġjata opposta u bi *speed* eċċessiv għal dik iz-zona liema triq hija ta' karreġġjata doppja. Jgħid li spiċċa maqbud mar-rota, ġie mgħolli u mkaxkar.

- Il-parti leża **Lewis Gauci** xehed li kien qiegħed Binġemma fejn hemm statwa tal-Madonna. Jgħid li kien qiegħed fuq Stop Sign u waqaf fil-kantuniera biex jara kinitx ġejja xi vettura mill-karreġġjata tal-lemin. Jixhed li kien hemm ħajt tas-sejjieħ u li ma setax jara lill-appellant allura imputat nieżel b'vettura fuq in-naħa opposta bi *speed* daqsxejn eċċessiv. Jgħid li Borg kien nieżel fuq in-naħa l-ħażina tat-triq u li għal dawk it-toroq kien qed isuq b'veloċita' qawwija. Jgħid li kien qabadlu r-rota ta' quddiem mal-*bumper* tal-vettura u li għollieh fuq is-saqaf u tar tletin metru. Jixhed li l-marka "X" fuq ritratt immarkat Dok. "LG 1" (*a fol.* 30) turi fejn kien hemm l-impatt eżatt fejn hu waqaf jittawwal ħalli jara jekk kinitx ġejja vettura minn naħa tal-lemin. Jgħid li l-appellant allura imputat niżel *wrong side* man-naħa tax-xellug.

- Minn naħa l-oħra meta xehed **Peter Borg** (l-appellant) huwa qal li niżel lejn l-Mġarr minn Binġemma bi dritt għall-Mġarr u li f'daqqa waħda ħariġlu l-parti leża bir-rota. Jgħid li hemm Stop Sign u mera u li l-parti leża daħallu fir-rota ta' quddiem. Jgħid li hu (Borg) kien qed isuq bl-għoxrin (20) u ħamsa u għoxrin (25). Fuq ritratt immarkat bħala Dok. "PB 1" (*a fol.* 97), għamel sinjal b'ittra "X" minn fejn kien nieżel. Jgħid li l-parti leża baqa' ħiereġ bis-saħħa minkejja li kien hemm Stop Sign u li baqa' dieħel fuq ir-rota tan-naħa tas-sewwieq u ġie fuq il-*bonnet*. Jgħid li hu ma kienx rah ħiereġ ħdejn l-Stop Sign. Jgħid li l-parti leża kien ħareġ mill-isqaq mhux naħa

tal-mera. Jgħid li kien qed isuq fuq in-naħa tal-lemin għax kien hemm vettura b'*puncture* u li huwa kien resaq biex jibqa' għaddej. Jisħaq li kien qed isuq fin-nofs u ra Stop Sign x'ħin ħabtu. Jgħid li kien żamm il-brejk bil-mod.

Illi m'hemmx dubju li l-parti leża Lewis Gauci sofra offiżi gravi kif jidher mill-affidavit (*a fol.* 32) ta' Dr. Thomas Armatys minn fejn, apparti *"abrasions"* u *"laceration above the left eye"* u *"swelling of the left thigh"*, jirriżultaw ukoll *"multiple facial bones fractures involving the sinuses and orbit"* u *"fracture of the nasal bones"*. Dawn kienu kkonfermati meta Dr. Armatys xehed quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 57 *et seq.*). Da parte tiegħu, meta xehed Dr. Ernest Ellul (*a fol.* 54 *et seq.*) huwa kkonferma li l-parti leża kellu nefħa madwar l-għajn ix-xellugija, li kellu ferita laċerata li kellha bżonn punti u li kellu kontużjoni fuq koxxtu x-xellugija. Jgħid li l-parti leża kellu wkoll uġigħ ta' ras kif ukoll madwar spalltu x-xellugija u li kien hemm fratturi ta' tliet għadmiet f'wiċċu.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx

> raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti dejjem tagħmel analiżi approfondita tal-fatti u tad-dokumenti tal-każ. Dwar il-ġrieħi li sofra Lewis Gauci ma hemmx dubju li dawn kienu ta' offiżi gravi u dana meta wieħed jikkunsidra dak li xehdu t-tobba speċjalment dwar il-ksur fl-għadam tal-wiċċ. Biss, bħall-Ewwel Qorti mhux ċar li l-offiżi jammontaw għal dawk kontemplati taħt Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar id-dinamika tal-inċident hemm żewġ verżjonijiet opposti bl-appellant jinsisti li l-parti leża Lewis Gauci ħareġ b'veloċita' minn Stop Sign u minn post fejn faċċata hemm mera biex wieħed ikun jista' tara t-traffiku li hu għaddej aħjar. Da parte tiegħu, il-parti leża (li ġab ukoll kif seħħ l-akkadut fuq *pen-drive*) jgħid li hu ħa l-prekawzjonijiet qabel ħareġ minn fejn kien imma mbagħad sab lill-appellant li kien qed isuq fuq il-karreġġjata l-ħażina u li għalhekk, skont hu, kien l-appellant li kkaġuna l-inċident.

Illi din il-Qorti studjat bir-reqqa r-ritratti prodotti kif ukoll l-iskizz li juri brejk marksta' tnax (12)-il metru u l-pożizzjoni ta' fejn spiċċat ir-rota misjuqa minn Gauci – madwar 3.40 metri 'l quddiem mill-parti ta' quddiem tal-vettura. Din il-Qorti kkunsidrat ukoll fejn saret il-ħsara u rat ukoll il-filmat fuq is-cd u l-*pen drive*.

Illi l-Ewwel Qorti daħlet fil-fond fuq il-kwistjoni tad-dmirijiet tas-sewwieq li jkun għaddej fit-triq prinċipali u dawk tas-sewwieq li jrid joħroġ minn triq sekondarja. Il-Kodiċi tat-Traffiku jagħmilha ċara li t-traffiku fit-triq prinċipali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun dieħel, jew li se jħalli t-triq prinċipali kif ukoll li f'salib it-toroq jew għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereġ mit-triq prinċipali. Dan ma jħalli ebda dubju li s-*side road user* għandu joħroġ ġo triq prinċipali bid-debita prudenza u li għandu jċedi għat-traffiku.

Illi l-parti leża xehed li qagħad attent kif joħroġ speċjalment għax kien hemm ħajt li jisporġi 'l barra. Din il-Qorti tinnota li mir-ritratti jirriżulta li l-appellant sab ruħu għaddej *wrong side* għalkemm huwa baqa' jinsisti li kien f'nofs it-triq minħabba li kellu jaqla' 'l barra għaliex kien hemm vettura wieqfa b'*puncture*. Dan jirriżulta mill-iskizz (*a fol.* 11) u mir-ritratt (Dok. "PB 2" – *a fol.* 98). Għandu jingħad li jirriżulta li din is-sitwazzjoni ħasdet lill-parti leża għaliex ma kienx stenna li ser isib lill-appellant proprju hemmhekk flok fuq in-naħa l-oħra. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li inċident ma jinqalax biss meta *main road user* ikun qed jagħmel sorpass jew xi manuvra perikoluża imma wkoll f'ċirkostanzi bħal dawk tal-każ odjern.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jikkwota b'approvazzjoni s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Leonard Grech** mogħtija fil-5 ta' Settembru 1990 u jistaqsi jekk l-effetti dannużi kinux previdibbli, ħlief b'diliġenza straordinarja li l-liġi ma tesiġix. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Anke l-*main road user* irid joqgħod attent il-ħin kollu aktar u aktar meta jsib ruħu qed isuq fil-karreġġjata l-ħażina. Ma jridx jintnesa lanqas l-akwati fejn seħħ l-akkadut (triq fil-kampanja) fejn l-appellant kellu jkun aktar kawt fis-sewqan tiegħu. Kienet x'kienet ir-raġuni għala sab ruħu qed isuq hemm kien dmir tal-appellant li l-ewwelnett ma jsuqx fil-karreġġjata l-ħażina u t-tieni li bilfors l-attenzjoni tiegħu riedet tkun fl-aqwa tagħha. Bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti qed issib li kien l-appellant li kkaġuna l-inċident in kwistjoni u għalhekk qed taqbel mal-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti kemm għal dawk li huma fatti kif ukoll dwar punti ta' liġi. Il-parti leża kkontribwixxa wkoll għaliex ried joqgħod aktar attent iżda n-negliġenza kontributorja ma teħlisx mill-ħtija imma għandha tkun ikkunsidrata fl-għoti tal-piena. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-aggravju in eżami.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li tiġi imposta piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern u dana f'każ li din il-Qorti tonqos li tħassar u tikkanċella s-sentenza appellata.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha b'dan illi wara li rat il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li din il-piena taqa' fil-parametri ta' dak li tiddisponi l-liġi in kwistjoni. Konsegwentement, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tibdel il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Peter Borg u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi jiġi speċifikat illi s-sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan tal-appellant għal żmien xahar għandu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' għada filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |